MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Gunju, 2008

Numru. 568/2008

**Il-Pulizija**
**[Spettur Mario Tonna]**
**[Spettur Ramon Mercieca]**

**vs**

**Abdul Rezaq Hussein**

**Illum 29 ta’ Gunju 2008**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abdul Rezaq Hussein ta’ 29 sena mwieled Somalja nhar il-Xahar 11 sena 1979, bin Hussein u Muslima residenti gewwa Centru Refugjati Hal Far, numru tal-Pulizija 06 BBB4

U akkuzat talli:-nhar it-28 ta Gunju 2008 gewwa Triq Is-Salib, il-Marsa ghall-Habta ta 7.30pm ikkaguna griehi ta’

natura gravi fuq il-persuna ta' Abu Baker Muhammed Ali min Somalja u dan kif iccertifika Dr J. R. Gatta M.D. (Reg 3093) Tal-Isptar Mater Dei u dan ai termini tal-artikoli, 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

U akkuzat ukoll talli fl-istess lok hin, data u taht l-istess cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u cioe fuq il-persuna ta' PC265 K. Ciangura u PC40 R. Saliba u dan ai termini tal-artikoli 92 u 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jghamlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew jbezzgha fuqhom kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni tal-Istess ufficjali tal-Pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq u dan ai termini tal-artikoi 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija jew ma halliex jew fixkel waqt li kienu jaghmlu id-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod bla jedd indahal fl-istess dmirijiet billi ma halliex lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li il-membri tal-korp tal-Pulizija bhala awtorita kienu ghamlu u dan ai termini tal-artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess, data, hin lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u il-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 18, 92, 95, 96, 214, 216, 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt is-seduta mizmuma minn din bhala Qorti Istruttorja fid-29 ta’ Gunju 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tghatu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha in-natura tar-reati odjerni, l-ammissjoni tieghu f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, u l-fedina penali ta’l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 92, 95, 96, 214, 216, 338(dd) u 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal prigunerija ghal perjodu ta’ sena liema perjodu b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed jigi sospiez ghal perjodu ta’ sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------